



Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9396/21

TRANS 358

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8790/21	
Suġġett:	Il-Ferroviji fuq Quddiem Nett tal-Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli - Konklużjonijiet tal-Kunsill (3 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill intitolati "Il-Ferroviji fuq Quddiem Nett tal-Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli", adottati mill-Kunsill fit-3798 laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2021.

Il-Ferroviji fuq Quddiem Nett tal-Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli

-Konklużjonijiet tal-Kunsill-

WARA LI KKUNSIDRA:

1. il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 li approvaw l-oġettiv li tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar Patt Ekoloġiku Ewropew²;
2. it-tkomplija tal-impenn tal-Ministri tat-trasport tal-UE għall-ferroviji³, kif espress is-sena l-oħra fi
 - a) id-dikjarazzjoni politika li tappoġġa aġenda Ewropea għat-trasport ferrovjarju internazzjonali tal-passiġġieri ppreżentata fil-vidjokonferenza informali tal-ministri tat-trasport tal-UE fl-4 ta' Ġunju 2020, u
 - b) id-dikjarazzjoni ministerjali dwar it-trasport innovattiv fil-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija tal-konferenza ta' Berlin tal-21 ta' Settembru 2020;
3. il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur"⁴ bl-intenzjoni tagħha li tirdoppja l-merkanzija ferrovjarja u, li tittriplika t-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri b'veloċità għolja sal-2050;
4. id-Deċiżjoni (UE) 2020/2228 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar is-Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)⁵;

¹ EUCO 29/19.

² COM(2019)640 final, ST 15051/19 + ADD 1.

³ Il-ministri tat-trasport tan-Norveġja u l-Iżvizzera jipparteċipaw regolarment.

⁴ COM(2020) 789 final, ST 14012/20 + ADD1.

⁵ ĠU L 437, 28.12.2020, p. 108.

5. Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza⁶, u l-adozzjoni li jmiss tat-tieni Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
6. il-vidjokonferenza informali tal-ministri għat-trasport tal-UE tat-30 ta' Marzu 2021, fejn il-ministri ħadu pożizzjoni rigward id-dokument informali tal-Presidenza Portugiża "Kif tiġi Aċċellerata l-Bidla Modali għall-Ferroviji: toroq differenti lejn għan komuni";

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

7. JINNOTA li s-sistemi ferrovjarji tal-UE għaddew minn riformi regolatorji fundamentali permezz ta' erba' pakketti leġiżlattivi adottati fl-2001⁷, l-2004, l-2007 u l-2016. JILQA' l-effetti pożittivi ta' dawn ir-riformi fil-ftuħ tas-suq u l-armonizzazzjoni teknika li nkisbu parzjalment u li huma parzjalment mistennija;
8. JIRRIKONOXXI li l-qafas regolatorju fil-livell tal-UE u dak nazzjonali huwa kumpless u varjat ħafna, u JISSOTTOLINJA li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiġu żgurati l-benefiċċji ekonomiċi u operazzjonali tal-armonizzazzjoni teknika, b'mod partikolari għas-servizzi ferrovjarji transfruntiera, filwaqt li jirrikonoxxi l-punti ta' tluq differenti fl-Istati Membri u l-istrutturi organizzattivi differenti tagħhom. JENFASIZZA l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, JISSOTTOLINJA li l-proposti leġiżlattivi futuri tal-Unjoni għandhom ikunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni attwali u għandhom ukoll jimmiraw lejn is-simplifikazzjoni kull fejn possibbli;
9. JIRRIKONOXXI li xi Stati Membri ma jipprovdux konnettività permezz tal-ferroviji, u għalhekk mobbiltà intelliġenti u sostenibbli tista' tinkiseb biss permezz ta' mezzi oħra tat-trasport; JIRRIKONOXXI wkoll li fi Stati Membri oħra, in-networks huma iżolati u għalhekk l-isforzi biex tiżdied l-interoperabbiltà ma jtejbux il-prestazzjoni;

⁶ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

⁷ L-ewwel pakkett ferrovjarju ġie riformulat fl-2012 permezz tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.

10. JENFASIZZA li armonizzazzjoni teknika ulterjuri bil-għan li tiżdied l-interoperabbiltà tan-networks nazzjonali ser tappoġġa s-suq uniku għas-servizzi ferrovjarji internazzjonali, is-sistemi ferrovjarji tal-Unjoni u l-effiċjenza; Barra minn hekk, JENFASIZZA l-kontribut tas-settur ferrovjarju għall-ekonomija tal-Unjoni u l-bażi industrijali tagħha, inkluż il-kompetittività globali tagħha, li ser tibbenefika bl-istess mod mir-riċerka, l-innovazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika. Għalhekk, JISTENNA B'INTERESS l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea l-ġdida li għandu jkollha rwol vitali fir-riċerka dwar it-teknoloġiji diġitali l-ġodda fil-ferroviji, biex b'hekk jinkiseb approċċ koordinat mas-settur għall-evoluzzjoni ġenerali tas-sistemi ferrovjarji. Dan għandu jwassal ukoll għal żvilupp aktar rapidu tal-qafas regolatorju tekniku, filwaqt li jitqies iż-żmien li kien meħtieġ biex jiġu implimentati standards preċedenti;
11. IQIS li l-ħtieġa li jsir sforz għal mobbiltà newtrali għall-klima u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent⁸ kif ukoll li tiġi żgurata sistema tat-trasport reżiljenti u interkonnessa, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi, kif intwera matul il-pandemija tal-COVID-19, tqiegħed lill-ferroviji f'pożizzjoni ewlenija fl-offerta futura tat-trasport;
12. JENFASIZZA l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-partijiet ikkonċernati rilevanti, l-impjegaturi, il-ħaddiema u dawk li jużaw it-trasport ferrovjarju sabiex jiġi żgurat li kulħadd igawdi l-benefiċċji tat-trasport ferrovjarju; F'dan il-kuntest, JINNOTA l-opinjoni esploratorja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2021 dwar “Iż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea” mitluba mill-Presidenza Portugiża⁹;
13. JISTENNA B'INTERESS ir-reviżjoni ppjanata tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija¹⁰ u dwar in-Network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)¹¹;

⁸ Il-ferroviji jħallu impronta tal-karbonju baxxa, emissjonijiet baxxi, jużaw ftit art u l-vetturi ferrovjarji għandhom ċiklu tal-ħajja twil, filwaqt li jnaqqsu l-konġestjoni u jtejbu l-kwalità tal-arja fiż-żoni urbani.

⁹ EESC TEN/727, ST 7614/21.

¹⁰ Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22.

¹¹ Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.

I. Bidla modali

14. JENFASIZZA li t-trasport ferrovjarju huwa responsabbli għal 0,4 % biss tal-emissjonijiet tas-CO₂ ikkawżati mit-trasport, minkejja li għandu sehem ta' 8 % tat-trasport tal-passiġġieri u 19 % tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija madwar l-Ewropa¹². Għal dik ir-raġuni, bidla modali minn modi b'użu intensiv tal-karbonju għall-ferroviji x'aktarx li hija l-aktar mod effettiv għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport f'partijiet kbar tat-territorju tal-Unjoni;
15. JINNOTA li l-isforzi konsiderevoli lejn il-ftuħ tas-suq u l-armonizzazzjoni teknika li saru sa issa stabbilizzaw is-sehem tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju f'suq li qed jikber b'rata mgħaġġla fejn l-aspettattivi tal-konsumaturi kibru wkoll, iżda li għadha ma nkisbitx bidla sinifikanti lejn il-ferroviji, minkejja l-progress li sar f'taqsimiet individwali tas-suq;
16. JIRRIKONOXXI li l-progress lejn bidla modali ser jirrikjedi li l-attrazzjoni u l-kompetittività tal-ferroviji jissaħħu permezz tat-titjib tas-servizzi ferrovjarji aġġustati għad-domandi tal-konsumaturi u l-ottimizzazzjoni effettiva ta' soluzzjonijiet multimodali bejn il-ferroviji u mezzi oħra tat-trasport; il-progress għandu jiġi ffaċilitat ukoll permezz ta' kooperazzjoni effettiva fost l-Istati Membri rilevanti u fost il-maniġers tal-infrastruttura. B'mod ġenerali, bidla modali reali ser titlob tkabbir fil-volumi tat-traffiku ferrovjarju li jissupera t-tkabbir ekonomiku;
17. IQIS LI HUWA IMPORTANTI li evalwazzjonijiet regolari tal-politika li jkejlu l-grad ta' ftuħ effettiv tas-suq u armonizzazzjoni teknika li għandhom jiġu ssupplimentati b'analiżi tal-impatti tal-politika fuq il-bidla modali, il-koeżjoni ekonomika u soċjali, il-prestazzjoni ambjentali, l-effiċjenza tas-sistema, l-imposti tal-infrastruttura, il-livelli tas-servizzi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;
18. F'dan il-kuntest, JILQA' l-inizjattivi li għaddejjin biex tiġi prodotta analiżi li tħares 'il quddiem u aktar operazzjonali tal-bidla modali billi jiġi vvalutat il-progress possibbli taħt kondizzjonijiet partikolari u jiġi preżunt titjib speċifiku fil-kwalità u l-konnettività tal-infrastruttura, filwaqt li jitqiesu l-forom kollha ta' traffiku domestiku u internazzjonali, kif ukoll l-impenn tal-Kummissjoni li tiżviluppa “indiċi tal-konnettività ferrovjarja”; JINKORAĠĠIXXI l-evalwazzjoni tal-konnessjonijiet bejn bliet ewlenin fuq distanza medja u twila;

¹² Ara l-Kummissjoni Ewropea, Statistical pocketbook 2020, tabelli 3.2.12, 2.3.3 u 2.2.3 (eskluż it-trasport bil-pipeline).

II. Reżiljenza

19. JINNOTA li t-trasport kien wieħed mis-setturi l-aktar milquta mill-pandemija tal-COVID-19, bi ħsara ekonomika kkawżata minn tnaqqis qawwi fl-ivvjaġġar u t-turiżmu, interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista, telf fid-dħul għall-operaturi ferrovjarji, u inqas konnettività madwar l-UE. Dan ikkawża telf ekonomiku sinifikanti għall-impriżi ferrovjarji u għall-maniġers tal-infrastruttura, u l-impatt l-aktar serju kien fuq it-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri, fejn seta' dewwem jew imblokka proġetti għal investiment u servizzi ġodda. Fl-istess ħin, il-ferroviji wrew li huma l-aktar mezz ta' trasport reżiljenti, speċjalment fil-forma ta' trasport ikkombinat mhux akkumpanjat;
20. JINNOTA li azzjoni ffukata mill-ministri tat-trasport f'kooperazzjoni mal-Unjoni Ewropea u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għenet lis-settur ferrovjarju biex ilaħħaq mal-effetti ekonomiċi negattivi kkawżati mill-kriżi, li gābet lil xi partijiet ikkonċernati f'xiifer il-kollass, u b'hekk tiżgura s-sopravivenza ta' dan is-servizz essenzjali u l-ġid pubbliku;
21. IQIS li din il-kriżi wriet il-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri ta' reżiljenza u ta' kontinġenza u li jittejbu d-disponibbiltà, il-koerenza u l-koordinazzjoni fin-network ferrovjarju u tingħata prijorità ogħla lit-titjib tal-konnessjonijiet transfruntiera bħala parti minn network ferrovjarju trans-Ewropew li jikkostitwixxi s-sinsla ta' rotot ta' mobbiltà reżiljenti u sostenibbli; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiddekrivi l-progress li sar fit-tnejjija ta' Pjan ta' Kontinġenza għat-trasport biex jiġu indirizzati aħjar il-pandemija u kriżijiet kbar oħra;

III. Trasport Ewropew tal-passiġġieri bil-ferrovija

22. JENFASIZZA li filwaqt li s-sehem tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-ferrovija fi ħdan is-suq globali tal-passiġġieri bil-ferrovija tal-UE huwa baxx¹³, hemm sinjali inkoraġġanti kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda li jissuġġerixxu li żieda konsiderevoli fl-għaxar snin li ġejjin hija possibbli. Il-proġetti li għaddejjin, pereżempju dawk li għandhom l-għan li jagħtu l-ħajja mill-ġdid lill-ferroviji Ewropej li jaħdmu billejl, juru entużjażmu u varjetà;
23. JINNOTA varjazzjonijiet wiesgħa fil-mod kif is-servizzi, l-infrastruttura u n-networks ferrovjarji internazzjonali tal-passiġġieri jiġu żviluppati f'partijiet differenti tal-Ewropa, riżultat, fost l-oħrajn, tad-domanda tal-konsumaturi, l-għażliet politiċi, il-ġeografija, id-densità tal-popolazzjoni, u l-integrazzjoni ekonomika bejn ir-reġjuni transfruntiera;
24. JILQA' l-ħolqien tal-Pjattaforma għat-Trasport Internazzjonali tal-Passiġġieri bil-Ferrovija (IRP) u l-passi prattiċi li din ħadet, li tinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, u JINNOTA l-evoluzzjoni tal-kunċett Trans Europe Express 2.0 (TEE 2.0); JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta, matul din is-sena, pjan ta' azzjoni biex tingħata spinta lis-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq distanzi twal u transfruntiera, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea biex jitneħħew l-ostakli tas-suq u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport ta' progress sas-sena d-dieħla li jirrifletti fuq ir-riżultati tal-pjan ta' azzjoni tagħha;
25. JINKORAĠĠIXXI aktar żvilupp tat-Trasport Ewropew tal-passiġġieri bil-ferrovija. Fit-termini qosra u medji, dan għandu jinkiseb billi jiġu kkomplementati s-servizzi eżistenti u billi ssir enfasi fuq l-esperjenza tal-passiġġieri, il-kompetizzjoni ġusta, l-ippjanar komprensiv tar-rotot u l-biljetti offruti mill-impriżi ferrovjarji u l-bejjieġha terzi tal-biljetti, ir-rabtiet diretti mat-trasport reġjonali, lokali u urban, u l-proċeduri tal-allokazzjoni tal-kapaċità, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-maniġers tal-infrastruttura f'dan ir-rigward, u t-tneħħija tal-ostakli tekniċi u operattivi, b'mod partikolari f'sezzjonijiet u terminals transfruntiera;

¹³ 7 % tal-kilometri tal-passiġġieri kollha; Il-Kummissjoni Ewropea, Statistical pocketbook 2020, tabella 3.2.12.

26. JIRRIKONOXXI li l-iżvilupp ulterjuri ta' din it-taqsimha jitleb it-tneħħija tal-konġestjonijiet infrastrutturali li fadal fis-sistema ferrovjarja tal-Unjoni, it-twettiq tan-netwerk ewlieni u komprensiv tat-TEN-T, l-iżvilupp ta' netwerk b'veloċità għolja, ix-xiri ta' vetturi ferrovjarji interoperabbli u l-implimentazzjoni sħiħa tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) kif dettaljat fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali, u b'hekk jiġu minimizzati l-interruzzjonijiet fit-traffiku;
27. JIRRIKONOXXI d-diversità ta' approċċi nazzjonali fl-organizzazzjoni ta' servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri u JENFASIZZA li servizzi ta' aċċess miftuħ b'rispons għad-domanda tas-suq huma strumentali fl-estensjoni tal-bidla modali għall-ferroviji, li għandhom jiġu kkombinati ma' kultura wiesgħa ta' innovazzjoni u ekonomija ferrovjarja dinamika. JIRRIKONOXXI li f'ċerti każijiet, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw l-użu, fit-territorju tagħhom, ta' kuntratti ta' servizz pubbliku għal servizzi ferrovjarji internazzjonali għall-passiġġieri, b'żieda ma' dawk domestiċi, biex jiġġeneraw l-offerta mixtieqa tat-trasport. F'dan il-kuntest, JISTENNA B'INTERESS ir-reviżjoni tal-Kummissjoni tal-linji gwida interpretattivi dwar ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007¹⁴;

IV. Trasport Ewropew tal-merkanzija bil-ferrovija

28. JISTENNA li l-progress lejn it-tlestija tan-netwerk ewlieni tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) fiż-żmien stabbilit, l-użu mifrux tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), kemm maġenb il-binarji kif ukoll abbord, akkumpanjat mid-dekummissjonar gradwali tas-sistemi storiċi ta' sinjalar, u l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali ser iwasslu għal trasport ferrovjarju aktar effiċjenti, inqas għali u integrat aħjar, biex b'hekk ikun jista' jittkompla t-tkabbir tal-merkanzija ferrovjarja;

¹⁴ Linji gwida interpretattivi li jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq, ĠU C 92, 29.3.2014, p. 1.

29. JISTENNA li l-merkanzija ferrovjarja tingħata spinta ulterjuri permezz tal-użu koordinat ta' innovazzjonijiet ġodda, speċjalment fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni, dment li l-implimentazzjoni tagħhom tikkontribwixxi, minn perspettiva ta' kost-benefiċċju, biex tiżdied il-kompetittività tas-settur ferrovjarju; JINNOTA li l-iskambju diġitali ta' informazzjoni, inkluż is-sistemi ta' traċċar, ser jirrappreżenta pass ewlieni lejn l-integrazzjoni tal-merkanzija ferrovjarja fil-katina tal-provvista, biex il-merkanzija ferrovjarja ssir għażla aktar affidabbli għat-trasportaturi tal-merkanzija;
30. Fir-rigward tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li fih il-Kummissjoni Ewropea telenka l-merkanzija ferrovjarja bħala prijorità ewlenija, JENFASIZZA li din l-inizjattiva ser tibni fuq l-esperjenza kollha miksuba u l-aħjar prattika diġà żviluppata permezz tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija, filwaqt li trawwem ukoll l-innovazzjoni f'teknoloġiji ġodda, id-diġitalizzazzjoni u l-kunċetti operazzjonali sabiex jinkiseb network operattiv aktar integrat għall-merkanzija bil-ferrovija kompetittiva;
31. JINNOTA li n-network ferrovjarju tal-Unjoni għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv, iffurmat mill-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija, wera li huwa effettiv ħafna fl-iżvilupp ta' azzjonijiet miftiehma u miżuri komuni fost il-partijiet ikkonċernati inkarigati mill-operazzjonijiet, filwaqt li jiffaċilita, fost affarijiet oħra, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-merkanzija ferrovjarja f'każ ta' kriżijiet kbar u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontinġenza meħtieġa;
32. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħidma diġà mwettqa mill-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija, JILQA' l-impenn tal-Istati Membri li jkomplu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Kummissjoni Ewropea u l-koordinaturi tal-kurituri tan-network ewlieni tat-TEN-T, JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi żviluppata aktar kapaċità tal-infrastruttura u r-rotot tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija f'konformità mar-rekwiżiti tas-suq u l-ħtiġijiet tal-klijenti, u JINKORAĠĠIXXI t-tisħiħ tal-funzjonament tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija b'mod koordinat;

V. Networks, investment u konnettività

33. JINNOTA l-fatt li n-network TEN-T kien estremament importanti għall-iżvilupp ta' network ferrovjarju interoperabbli koerenti u ta' kapaċità għolja madwar l-Unjoni, kif ukoll għall-konnessjoni tiegħu mal-portijiet, l-ajruporti u t-terminals tat-toroq u tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Minkejja li waħdu n-network TEN-T ma rnexxilux jegħleb l-assimetriji kbar fil-kopertura u d-densità tan-network ferrovjarju, permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE, huwa ppermetta lil ħafna Stati Membri b'kapaċitajiet ta' investment iżgħar biex b'mod kostanti, għalkemm bil-mod, jaġġornaw u jtejbu l-konnettività tan-networks tagħhom;
34. JENFASIZZA l-importanza ta' politika koerenti tat-TEN-T ma' proġetti li jrawmu l-iżvilupp ta' servizzi ta' veloċità għolja u internazzjonali għat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija bejn iċ-ċentri urbani ewlenin u jiffaċilitaw trasport tal-merkanzija bil-ferrovija aktar kompetittiv; JENFASIZZA li dan huwa wieħed mill-prerekwiżiti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti; JINKORAĠĠIXXI inizjattivi li għandhom l-għan li joffru konnessjonijiet ferrovjarji li jistgħu jissostitwixxu t-titjiriet fuq distanzi qosra, meta jkun possibbli;
35. FILWAQT LI JQIS l-għan politiku ta' ekonomija newtrali għall-klima, JIRRIKONOXXI li l-baġits nazzjonali f'ħafna Stati Membri għadhom taħt pressjoni mill-kriżi ekonomika preċedenti u l-pandemija attwali, u li l-investment pubbliku fit-trasport f'dawk l-Istati Membri bilkemm baqa' fil-livell meħtieġ biex tiġi żgurata l-manutenzjoni;
36. JENFASIZZA li s-settur ferrovjarju ser ikollu jagħmel l-aħjar użu possibbli mill-istrumenti ta' finanzjament tal-UE. L-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju għet identifikata bħala t-taqsimha l-aktar fil-bżonn ta' investment biex jiġi ffinalizzat in-network TEN-T u jiġi mmodernizzat in-network eżistenti. Għaldaqstant, JILQA' l-fatt li l-Istati Membri qed jippjanaw li jużaw ir-riżorsi li qed isiru disponibbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27 biex isaħħu l-kompetittività tas-settur ferrovjarju u jappoġġaw l-investment relatat fl-infrastruttura ferrovjarja;

37. JISSOTTOLINJA li l-integrazzjoni sistemika ma' modi oħra ta' trasport, inkluż it-trasport marittimu, il-passaġġi fuq l-ilma interni, it-trasport bl-ajru u bit-triq, l-offerti ta' trasport urban u l-mobbiltà attiva, hija essenzjali biex it-territorji jinżammu konnessi u tinkiseb il-bidla modali. B'riżultat ta' dan, żieda fl-opportunitajiet ta' trasferiment intermodali, tkabbir tal-kapaċità tal-faċilitajiet eżistenti ta' trasferiment u trażbord, u ġestjoni tat-traffiku intermodali aħjar huma meħtieġa;
38. JIRRIKONOXXI li huwa meħtieġ investiment kbir mis-settur fil-vetturi ferrovjarji internazzjonali fuq distanzi twal. Il-finanzjament jista' jiġi appoġġat permezz ta' garanziji fil-livell tal-Unjoni, sabiex isir użu mill-innovazzjonijiet, jiġu aġġornati għal speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda, jiżdiedu l-flessibbiltà, is-sikurezza u l-kumdità, u tiġi diversifikata l-offerta tas-servizz; JIRRIKONOXXI wkoll li hemm bżonn urġenti ta' investiment mis-settur privat u JFAKKAR lill-Istati Membri dwar l-eżistenza ta' ftehimiet u trattati internazzjonali li jiffaċilitaw l-investiment privat, bħall-Protokoll tal-Lussemburgu dwar il-Ferroviji għall-Konvenzjoni ta' Cape Town¹⁵;
39. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tistudja skemi eventwali fil-livell Ewropew biex tappoġġa lill-operaturi ferrovjarji b'mod mhux diskriminatorju, u tippreżenta s-sejbiet lill-Kunsill; JIEĦU NOTA, b'kont meħud tal-ispeċifikitajiet tas-settur ferrovjarju, tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrevedi r-regoli għall-ġhoti ta' għajnuna mill-Istat.

¹⁵ Protokoll tal-Lussemburgu għall-konvenzjoni dwar il-garanziji internazzjonali fuq tagħmir mobbli għal kwistjonijiet speċifiċi tal-vetturi ferrovjarji, ĠU L 331, 16.12.2009, p. 4.